

Brussell, 7 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

12168/22

AGRI 410  
DELECT 160

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	11841/22
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-22.8.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni u l-estratti tagħhom u fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna <i>- Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

---

1. Fit-22 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq f'konformità mal-Artikolu 54(5) tar-Regolament (UE) 2018/848. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti organiċi maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni.
2. L-abbozz tal-att delegat jestendi d-dispożizzjonijiet tranżitorji għall-ħruġ u l-approvazzjoni ta' ċertifikati ta' spezzjoni li jikkonċernaw prodotti organiċi fuq il-karta, fl-Istati Membri u fl-Ukrajna, sat-30 ta' Novembru 2022.
3. Id-delegazzjonijiet kellhom sas-6 ta' Settembru 2022 biex joġġezzjonaw għall-att delegat. Sa din l-iskadenza, l-ebda delegazzjoni ma qajmet xi oġġezzjoni u l-ebda waħda ma għamlet xi kumment.
4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemm ebda oppożizzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 11841/22, bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.